# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2473

Kaz Nru. 3208/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Pauline Basile Pace (ID No 145573 M)

vs

Malta Football Association
(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Pauline Basile Pace, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fis-19 ta' Frar, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kienet assistita minn Dr Aron Mifsud Bonnici, u ghall-Malta Football Association deher is-Sur Norman Darmanin Demajo, President ta' l-Assocjazzjoni li kien assistit mill-Avv. Keith A. Borg.

Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet ilha mpjegata ghal madwar ghoxrin sena mal-Malta Football Association jigifieri mit-8 ta' Marzu, 1993 fejn kienet tghamel xoghol ta' segretarja u PA tal-Prsident ta' l-Assocjazzjoni. Hija tghid ukoll, li fl'ahhar zmien mill-2010 bdiet tigi mnehhija milli tghamel xoghol ta' PA tal-President, sakemm anke giet trasferita fil-Legal and Football Governance Department u baqghet tahdem hemm sakemm l-impieg taghha gie tterminat hesrem b'effet mit-2 ta' Jannar, 2014.

Hija tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha li nhar it-3 ta' Jannar, 2014 meta marret normali ghax-xoghol inghatat envelope minghand Anna Agius, li fih kien hemm email datata 2 ta' Jannar, 2014 fejn inghataw l-allegati ragunijiet dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha. Hija tghid ukoll, li lanqas biss inghatat l-opportunita li tispjega u tiddefendi l-kaz taghha.

Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li kien irrizulta u dan fit-3 ta' Jannar, 2014 li l-email account taghha gie maghluq u kien ittiehed ukoll il-computer taghha b'dan, li anke xi dokumenti li kien hemm fuq id-desk taghha u li kienu gew preparti l-gurnata ta' qabel, kienu ttiehdu.

Fl'istess dikjarazzjoni tal-Kaz taghha hija tkompli tghid, li fl'email imsemmija gie mnizzel li hija naqset milli tidhol ghax-xoghol fi granet partikolari, meta fil-verita (minkejja li l-Assocjazzjoni tikkontendi mod iehor), fil-gurnata tas-27 ta' Dicembru, 2013 ir-ragel taghha kien informa lil Anna Agius li r-rikorrenti kienet ma tiflahx u ghalhekk kien hemm raguni valida ghala ma kientix marret ghax-xoghol.

Rigward il-granet tat-30 u 31 ta' Dicembru 2013 ir-rikorrenti tghid, li kienet applikat ghalihom bhala leave u hija tghid ukoll, li s-sistema ghal dawn l-ahhar 20 sena dejjem kienet, li meta jispicca l-leave wiehed ikollu l-opportunita li jaghmel uzu mill-leave tas-sena ta' wara bhala carry-forward.

Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tkompli tghid, li fil-31 ta' Dicembru, 2013 hija kienet biss xoghol nofs ta' nhar u mhux gurnata shiha u dan kif jigri kull sena f'din id-data partikolari ta' festivita.

Hija tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha li f'ghoxrin sena ta' servizz lill-Assocjazzjoni, qatt ma nghatat xi warning jew charge u l-impieg taghha gie sommarjament terminat minghajr ma naghtat l-opportunita li tiddefendi ruhha u fuq kollox minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Il-Malta Football Association fl'Istqarrija tal-Kaz taghha qalet, li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat gustament u b'mod validu, u dan ghas-segwenti ragunijet u ghal ragunijiet ohra li ser jingiebu a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal Industrijali fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-xoghol.

L-Assocjazzjoni tkompli tghid, li t-terminazzjoni tar-rikorrenti mill-impjieg mal-Assocjazzjoni kienet dettata mill-assentejizmu kontinwu, mhux awtorizzat u mhux gustifikat tar-rikorrenti minn fuq il-post tax-xoghol taghha u ma dan, matul l-impjieg taghha hija kienet mhux biss insubordinata, izda kemm il-darba abbuzat mill-pozizzjoni taghha bhala impjegata tal-Assocjazzjoni u mir-rizorsi ta' l-istess a skapitu ta' l-istess Assocjazzjoni. Ghaldaqstant, l-Assocjazzjoni tghid li kellha kull dritt li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.

Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti matul il-hajja ta' l-impjieg taghha qatt ma kellha kazijiet ta' dixxiplina. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti giet impjegata mal-Malta Football Association fit-8 ta' Marzu, 1993 bhala segretarja u P.A. tal-President li f'dak iz-zmien din il-kariga kienet okkupata minn Dr Joe Mifsud. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impjieg taghha gie terminat fit-3 ta' Jannar, 2014 jigifieri wara ghoxrin sena fl'impjieg.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li max-xoghol ta' segretarja u P.A. tal-President hija kienet ukoll tghamel xoghol iehor, bhal tiehu hsieb il-booking ta' l-ivjaggar ta' l-Assocjazzjoni kollha li kien jinkludi, kull vjaggar bhal meta il-kontingjent tal-football ikollu partiti barra minn Malta kif ukoll, ghal xi korsijiet jew laqghat li kienu jsiru barra minn Malta.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li hija kienet ukoll involuta f'xoghol iehor amministrattiv li jinkludi xoghol fejn jidhlu laqghat generali, rapporti amministrattivi u elezzjonijiet li jkollha l-Assocjazzjoni.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta nbidel il-President tal-MFA u gie elett is-Sur Norman Darmanin Demajo f'Awissu 2010, ghalkemm fil-bidu baqghat tghamel xoghol ta' organizazzjoni generali, pero certu xoghol li kien jippartjeni lill President bhal korrispondenza ma baqghatx inkarigata minnha.

Mill-provi jirrizulta wkoll li fis-sena 2012, kienet ghamlet zmien barra mix-xoghol peress li kellha tarbija u meta f'Jannar, 2013 irritornat lura ghax-xoghol sabet li l-ufficcju li qabel kienet tahdem minnu gie okkupat minn Dr Chris Bonett li f'dak iz-zmien kien il-Head of the Legal Department u llum jokkupa l-kariga ta' vici President ta' l-Assocjazzjoni. Mill-provi jirrizulta wkoll, li minkejja s-salarju tar-

rikorrenti baqa l-istess pero, il-funzjoni tax-xoghol taghha nbidel ghal wiehed bhal ta' assistant clerk, fejn primarjament kienet tghamel xoghol ta' filing li kif gie deskritt mir-rikorrenti kien ta' effett negattiv fuq il-motivazzjoni taghha, ghax ma kienx xoghol ta' involviment dirett fl'organizazzjoni kif kienet ilha mdorrija tghamel ghal l-ahhar ghoxrin sena li kienet ilha fl'impjieg. Mill-provi jirrizulta wkoll, li din il-bidla fil-funzjoni tax-xoghol taghha saret minghajr ebda konsultazzjoni u spjegazzjoni mar-rikorrenti, imma sabet din is-sitwazzjoni hekk kif irritornat lura ghax-xoghol. Mill-provi jirrizulta wkoll, li din il-bidla fil-funzjoni tax-xoghol taghha giet effettwata b'modd negattiv fir-relazzjoni tax-xoghol mal-kollegi taghha ghax giet interpretata li hija qed tigi mwarraba.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li fit-2 ta' Jannar, 2014 hija dahlet normali ghax-xoghol u l-ghada fit-3 ta' Jannar, 2014 meta regghet marret ghax-xoghol giet moghtija envelope mir-receptionist fejn kien hemm email datata 2 ta' Jannar, 2014 fejn giet infurmatha li l-impjieg taghha kien qed jigi tterminat b'effett immedjat peress li fis-27, 30 u 31 ta' Dicembru, 2013 ma kienitx dahlet ghax-xoghol u dawn il-granet ma kienux koperti mill-leave taghha peress, li f'dik is-sena kienet diga ikkonsmat il-leave kollu taghha. Fl'istess ittra giet infurmatha wkoll, li minkejja membru tal-familja taghha kien informa lill MFA fis-27 ta' Dicembru li hija kienet marida, pero l-ebda certifikat ta' mard ma gie pprezentat biex ikopri l-granet tal-mard taghha. Fl'istess komunikat hija giet infurmatha wkoll, li fil-gimgha ta' qabel f'gurnata minnhom

kienet telqet mill-ufficcju tax-xoghol fil-11.30 ta' fil-ghodu minghajr ma kienet avzat lill-hadd. Finalment, permezz ta' din l-email hija giet infurmatha li l-impieg taghha kien qed jigi terminat b'effett immedjat.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kienet taf li l-leave annwali taghha kienet ikkonsmatu u ghamlet dan biex tassisti fil-mard it-tifel li kellha ta' tmien snin u tarbija ta' tlett snin. Mill-provi jirrizulta wkoll, li saret taf li ma baqalix leave meta giet biex tapplika ghal gurnata leave biex tittiehed fit-18 ta' Dicembru, sabiex tassissti ghal funzjoni edukattiva tat-tfal taghha u wara li giet infurmatha li ma kienx baqghalha leave kienet irtirat l-applikazzjoni tal-leave taghha.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li giet infurmata min-nursery tat-tifla li fil-granet tat-30 u 31 ta' Dicembru, 2013 kienu se jkunu mghaluqa u ghaldaqstant, peress li ma kellhix ma min thalli t-tfal taghha riedet tara kif tghamel biex tirranga ghal dawn il-jumejn leave, anke jekk dawn jinghataw unpaid jew jigu moghtija mis-sena li kien imiss u liema sistema gieli giet applikata mill-Assocjazzjoni fis-snin l-imghoddija.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li Dr Chris Bonett li kien is-superjur immedjat taghha, f'dak il-perjodu kien bil-leave wkoll u ppruvat tikkuntattjah minghajr success biex japprovalha l-leave mehtieg. Mill-provi jirrizulta wkoll, li hija kienet qed tittghama li wara l-Milied meta terga tidhol

ghax-xoghol fit-28 ta' Dicembru, Dr Bonett ikun irritorna ghax-xoghol u ghaldaqstant tkun tistgha tispjegalhu r-raguni li ghandha bzonn tkun bil-leave fil-granet tat-30 u 31 ta' Dicembru, 2013.

Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-27 ta' Dicembru, 2013 hija kienet marida u b'dan giet infurmata l-Assocjazzjoni permezz tar-ragel taghha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti ma pprezentatx certifikat tat-tabib biex ikopri dak il-perjodu ta' mard u lanqas l-Malta Football Association ma bghatet it-tabib taghha biex jezamina lir-rikorrenti dwar l-mard taghha.

Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-2 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrenti dahlet normali ghax-xoghol u hadmet il-gurnata tax-xoghol taghha normali. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta dahlet ghax-xoghol fit-3 ta' Jannar, 2014 hija giet moghtija envelope mir-receptionst fejn kien hemm email li permezz taghha giet infurmatha li l-impjieg taghha gie tterminat b'effett immedjat.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz, u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mal-Malta Football Association ghal ghoxrin sena u matul dan il-perjodu ta' l-impjieg qatt ma kellha kazijiet ta' dixxiplina.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li wara sbghatx il-sena fis-servizz ta' l-Assocjazzjoni fejn giet impjegata bhala segretarja u PA tal-President u kellha xoghol ta' certu impenn, li kien jghatiha motivazzjoni fuq il-post tax-xoghol, din is-sitwazzjoni tax-xoghol taghha bdiet tinbidel fl'2010, meta kien hemm bidla fil-Presidenza ta' l-Assocjazzjoni u ghal ragunijiet li jafhom biss il-President il-gdid is-Sur Norman Darmanin Demajo, beda jibdel il-funzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrenti sakemm minn Segretarja u PA tal-President giet moghtija xoghol fil-Legal Departament, li kif gie spjegat lit-Tribunal Industrijali kien xoghol ta' filing.

It-Tribunal Industrijali dwar dan l-aspett huwa tal-fehma, li ma kienx gust li giet mibdula l-funzjoni tax-xoghol tar-rikorrenti minn dik il-funzjoni li originarjament giet impjegata ghalih, specjalment meta dan sar b'modd li lanqas giet ikkonsultata jew giet moghtija spjegazzjoni lillha ghaliema ragunijiet kienet qed issir din il-bidla fil-funzjoni tax-xoghol taghha wara li kienet ilha twettaqhom ghal sbghatax il-sena.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-modd kif gie terminat l-impieg tar-rikorrenti, li permezz ta' email li giet moghtija lillha mir-receptionist u giet infurmatha li l-impjieg taghha gie itterminat b'modd sommarju, jigifieri li giet mkeccija minn fuq il-post tax-xoghol instantament. It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li minkejja li l-email tat-

terminazzjoni ta' l-impjieg, l-Assocjazzjoni nfurmat lir-rikorrenti x'kienu ir-ragunijiet li kienet qed tittermina l-impjieg taghha pero l-punt principali jibqa, li l-Assocjazzjoni ddecidiet li r-rikorrenti kienet hatja minghajr ma qabel tghatha l-opportunita li anke jekk trid bil-persuna ta' l-ghazla taghha tiddefendi b'modd xieraq il-kaz taghha.

F'diversi okkazzjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' Dixxiplina fil-konfront ta' impjegat u jkun jirrekjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, min ihaddem ghandu jinforma lill-impjegat bil-miktub x'kienu in-nuqqasijiet tieghu u jindikalu data u l-hin meta se tkun se ssir laqgha biex l-impjegat anke jekk irid ikun assistit b'persuna ta' l-ghazla tieghu, biex jiddefendi l-akkuzi li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li r-rikorrenti gie miksur lillha d-dritt tal-principju tal-gustizzja naturali meta l-impjieg taghha gie tterminat b'modd sommarju u ma gietx moghtija l-opportunita li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li hija terga tinghata l-impjieg lura

**mal-Malta Football Association fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijjiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

H. Walls

**Harold Walls**
**Chairman**

**M'Rose Galea**
**Segretarju**

**Data** 27 ta' April 2017